MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-8 ta' April, 2013

Rikors Numru. 585/2009

**Mark Aquilina, David Aquilina, Eileen mart Jean Paul Pagoud xebba Aquilina, Martin Aquilina u Christine Aquilina**

**Vs**

**Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali u Direttur Generali Qrati Civili u Tribunali, il-Kummissarju tal-Artijiet, Guza Debono, Nena mart Pawlu Farrugia, Pawlu Debono u Cetta Debono mizzewwgin, Freddie Debono u Doris Debono mizzewwgin, Katie u Ninu mizzewwgin Cutajar, Bertu Debono u Guza Debono mizzewwgin, Doris Borg u Carmelo Borg mizzewwgin**

Permezz ta' rikors prezentat fil-15 ta' Gunju 2009 ir-rikorrenti qeghdin jitolbu ritassa tal-kawza **Francis Xavier Aquilina vs Kummissarju tal-Artijiet et** (690/95PS) ghaliex isostnu li t-taxxa kellha ssir bhala punt ta' dritt u mhux *ad valorem*.

Il-Kummissarju tal-Artijiet, ghalkemm notifikat, ma wegibx.

Ir-Registratur wiegeb li[1]:-

1. It-taxxa hi mahduma skond il-ligi u ghalhekk korretta.
2. Fil-kawza kien hemm valuri definiti, u l-kawza kellha tigi ntaxxata skond il-ligi.

L-intimati l-ohra ma wiegbux[2].

Il-kawza numru 690/95 giet deciza fil-15 ta' Mejju 2009. Fiha l-atturi kienu talbu li l-qorti tannulla erbgha kutratti pubblici: 19 ta' Awissu 1987[3], 21 ta' Jannar 1981, 30 ta' Settembru 1987 u 19 ta' Awissu 1987. Fir-rigward tal-att tad-19 ta' Awissu 1987 talbu li wkoll dikjarazzjoni li t-trasferiment kien vizjat b'qerq. Intalbu wkoll id-danni u fit-12 il-paragrafu tal-premessi gie ddikjarat hekk:-

*"12. Premess illi in konsegwenza ta' tali agir, il-konvenut ikkawza danni lill-attur li jammontaw u jeccedu l-mitt elf Lira Maltin (Lm100,000) li kien behsiebu jaghmel zvilupp ta' sitt sulari, multi storey complex b'supermarket hwienet u garages."*.

Mis-sentenza jirrizulta li l-qorti bbazat id-decizjoni fuq apprezzament ta' provi sabiex tistabbilixxi jekk kienx hemm is-simulazzjoni allegata mill-attur; ***"Il-Qorti qieset bir-reqqa dawn il-provi, inkluzi l-bosta dokumenti prodotti, u hi tal-fehma li r-risposta ghal kwezit hi fin-negattiv. Dan, wara li zammet in mira illi l-piz tal-provi***

[1] Fol. 30.
[2] Ghalkemm Dr Anthony Farrugia deher u ddikjara li wiehed mill-intimati kien miet, mill-atti jirrizulta li l-legittimazzjoni tal-atti baqghet ma saritx. Fic-cirkostanzi l-qorti ser tipprocedi skond ma jinghad fl-Artikolu 810B tal-Kap. 12.
[3] Fir-rigward ta' dan il-kuntratt it-talba kienet giet rinunzjata.

***kienu imissu lill-attur u dan in-naqas milli jgib dik il-prova soda u konvincenti li tiffavorixxi l-allegazzjoni tieghu."***[4]. Iktar 'il quddiem il-qorti osservat li gialadarba l-attur ma tax prova ta' dak li kien qieghed jallega, *"Meta dan hu hekk il-kaz it-talba tieghu ghad-danni akkompanjanti dawk it-talbiet primarji l-ohra tieghu lanqas ma tregi ghax destitwita minn fondament ghas-sussistenza taghha."*.

Mill-atti tal-kawza 690/2005 jirrizulta li t-taxxa nhadmet *ad valorem* fuq valur ta' €232,937, li huma d-danni li jissemmew fit-tnax il-paragrafu tal-premessi tac-citazzjoni. Minn qari tac-citazzjoni hu altru milli evidenti li l-attur kien qieghed jippretendi iktar minn din ic-cifra bhala danni. L-intimat Registratur ghandu ragun li l-kawza kellha tigi ntaxxata ad valorem. Fil-fatt l-Artikolu 14 tat-Tariffa E tal-Ewwel Skeda tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) jipprovdi:-

*"14. Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-ligi jew mill-process, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skond il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit."*.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet ir-rikorrenti jsostnu li:-

*"....la darba ma gew likwidati ebda danni, il-kwistjoni messha giet klassifikata u trattata biss bhala punt ta' dritt. L-esponent iqies illi kien ikun ekwvu li kieku l-valutazzjoni saret mir-registratur fuq bazi ta' Lm25,000"*.

Fil-fehma tal-qorti dan ir-ragunament hu fih innifsu kontradittorju ma' dak li qeghdin jippretendu r-rikorrenti fir-rikors promotur. Filwaqt li fir-rikors isostnu li t-talbiet kellhom jigu ntaxxati bhala punt ta' dritt, issa qeghdin ighidu li r-Registratur kellu jintaxxa fuq valur ta' Lm25,000. Dan fih innifsu jfisser li qeghdin jirrikonoxxu li t-taxxa kellha tinhadem *ad valorem*, ghalkemm mhux fuq valur ta'

[4] Fol. 11 tas-sentenza.

Lm100,000. Hawn ukoll il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-attur, gialadarba:-
i. Ghalkemm il-qorti ma llikwidatx danni gialadarba cahdet it-talbiet tal-atturi, is-somma f'danni li kien qieghed jippretendi l-attur kienet tirrizulta mill-atti stess.

ii. Sal-ahhar tal-proceduri l-ohra l-atturi baqghu isostnu li l-agir tal-konvenuti garbilhom telf ta' Lm100,000[5].

iii. Ir-rikorrenti ma jispjegawx kif waslu ghal konkluzjoni li t-taxxa kellha ssir fuq valur ta' Lm25,000.

iv. M'ghandux ikun li attur iressaq pretensjonijiet waqt is-smiegh tal-kawza u mbaghad wara l-kawza jibdel id-direzzjoni li jkun ha fit-tentattiv biex itaffi l-ispejjez li jkollu jaghmel tajjeb ghalihom ghaliex ikollu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez.

Fl-ahharnett b'riferenza ghal dak li jinghad fl-ewwel paragrafu tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, il-qorti tosserva:-

i. Dan hu argument gdid li ma saret l-ebda riferenza ghalih fir-rikors promotur.
ii. Il-ligi tipprovdi l-mod kif jigu ntaxxati l-kawzi u jidher li ghal finijiet ta' taxxa fuq punt ta' dritt jew *ad valorem*, ma taghmel l-ebda distinzjoni dwar jekk avukat ta' parti jattendix ghas-seduta li jsiru fil-qorti.

**Ghal dawn il-motivi tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] Ara affidavit ta' Martin Aquilina a fol. 269 fl-atti tal-kawza 690/1995.